MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 205/2006

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2253/04 presentat fl-14 ta' Dicembru, 2004 fl-ismijiet:**

**Gino u Marie Diane konjugi Mule' Stagno**

**vs**

**Paul Demicoli, Kevin Bonnici, A.I.C. Joseph Falzon, Nick Demicoli, Construction Company Limited (C.17153), Asfaltar Limited (C.8313)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fl-14 ta' Marzu, 2006, mill-Perit Joseph Falzon li *in forza* tieghu, wara li ppremetta illi:

Fl-14 ta' Dicembru, 2004 l-imsemmija konjugi Mule' Stagno ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru

kawtelatorju numru 2253/04 kontra s-sekwestrati fuq imsemmija, inkluz ir-rikorrenti, ghall-ammont ta’ mija u hamsin elf lira Maltija (Lm150,000) sabiex jizguraw il-pretenzjoni taghhom f’dik is-somma minnhom reklamata bhala danni minhabba l-allegat qtil kolpuz ta’ Mary Zarb, omm ir-rikorrenti Marie Diane Mule’ Stagno u tigrif ta’ proprjeta’, residenza tal-mejta Mary Zarb, kif ukoll hsara u telf tal-beni tar-rikorrenti bi htija tal-intimati;

Dan il-mandat ma sarx validament peress illi:

i. ir-rikorrenti m’ghandhom ebda jedd ghal xi danni kontra l-esponenti, l-anqas *prima facie*.

ii. l-esponenti huwa notorjament likwidu u ma kien hemm l-ebda htiega li jinhareg mandat ta’ sekwestru fil-konfront tieghu sabiex jigu kawtelati l-pretensjonijiet attrici, jekk fondati.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, m’huwiex ragjonevoli li dan il-mandat jibqa’ fis-sehh;

**1. MANDAT MHUX GUSTIFIKAT PRIMA FACIE**

Mill-Proces Verbal li sar wara d-disgrazzja fuq imsemmija, hareg car li r-rikorrenti ma kellu ebda tort fl-imsemmija disgrazzja billi kif inghad testwalment *“Il-Perit J. Falzon kien car hafna dwar il-kwalita’ tal-art meta qal li dik kienet turbazz artab u ma riedx jiddisturbaha u kien enfasizza biex ma jsirx skavar”* u *“Demicoli… ma mexxiex kif qallu l-Perit tieghu Joseph Falzon <u>li qeghda dmiru sew</u>”.* [sottolinear mizjud].

Il-konkluzjoni fl-istess inkjesta kienet illi irrizulta li ghal dak li gara kienu responsabbli: (1) Kevin Bonnici (2) Paul Demicoli (3) Paul Magro u gie ordnat li jittiehdu l-passi kollha necessarji sabiex tittiehed azzjoni kriminali kontra l-imsemmija Kevin Bonnici, Paul Demicoli u Paul Magro. Konsegwentement ma gie involut bl-ebda mod ir-rikorrenti fl-istess proceduri kriminali;

Anke waqt it-trattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet *"Gino Mule Stagno et vs Paul Demicoli et"* (Citaz. Nru. 680/04TM) ukoll qed jirrizulta bl-iktar mod car u lampanti li r-rikorrenti ma' kellu ebda tort fl-imsemmija disgrazzja – *vide* f'dan il-kuntest ix-xhieda tal-Perit Richard Aquilina [kif ukoll dak li jirrizulta mir-relazzjoni tal-istess Perit Aquilina mmarkat bhala Dok RA 1] u ta' Charles Tanti fis-seduta ta' 23 ta' Frar, 2006;

Minkejja r-risultanzi tal-Inkjesta Magisterjali wara d-disgrazzja imsemmija, li fiha, kif inghad, ir-rikorrenti gie skolpiet minn kull htija jew responsabilita' ghall-incident, is-sekwestranti xorta tefghu lir-rikorrenti fl-istess keffa tal-partijiet l-ohra involuti u insistew li jhallu l-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi *in vigore* fil-konfront tieghu ukoll.

Huwa essenzjali li sabiex talba ghal mandat kawtelatorju tigi milqugha u mizmuma fis-sehh almenu irid jkun hemm gustifikazzjoni fuq bazi *prima facie*. Ma jistax jigi akkolt mandat, iktar u iktar mandat ta' certu portata bhal dak odjern, minghajr ma jkun hemm provi li juru gustifikazzjoni biex il-mandat jigi akkolt u jibqa' fis-sehh.

Mid-diversi provi fuq imsemmija jirrizulta li minkejja dan, ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni fuq bazi *prima facie* biex dan il-mandat jintlaqa' u jibqa' fis-sehh. U fi kwalunkwe kaz *man man* li qed jigu pprezentati aktar provi quddiem din il-Qorti, u proprju mal-konkluzjoni tal-inkjesta magisterjali dwar l-incident *in kwistjoni*, qed jidher b'mod iktar lampanti kemm l-atturi m'ghandhomx ragun fil-pretensjonijiet taghhom kontra ir-rikorrenti.

**2. IR-RIKORRENTI HU NOTORJAMENT LIKWIDU**

Minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess ukoll li c-cirkustanzi tar-rikorrent huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubbju dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tas-sekwestranti Mule' Stagno, jekk ikun il-kaz.

**3. NUQQAS TA' RAGJONEVOLEZZA**

Ghalhekk f'dan il-kaz huwa applikabbli is-subartikolu ta' l-artikolu 836 (1) (F) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

*"Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret il-kawza, jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*…*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha tal-21 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet **Maria Baldacchino vs Edwin Pace** ezaminat dan is-sub artikolu appena citat u rriteniet li:

*"L-artikolu 836(1)9f) jipprovdi li jista' jintalab li…mandat kawtelatorju, jigi rrevokat u dana jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh jew jekk jintwera li l-istess mandat mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli…Fi proceduri bhal dawn il-Qorti, skond il-ligi, hi msejjha tiggudika jekk huwiex ragonevoli li l-mandat in kwistjoni jibqa' fis-sehh jew jekk l-istess mandat ghadux mehtieg"*.

L-ispirtu tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa fis-sens li wiehed m'ghandux jitlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru sakemm ma jkunx hemm cirkustanzi li verament jimmeritaw il-hrug tieghu.

Tant hu hekk li l-istess Kodici jipprovdi li meta jigi ppruvat li ma hemm l-ebda dubju ragjonevoli dwar il-likwidita' tad-debitur jew jekk it-talba ghal hrug ta' mandat tkun wahda frivola jew vessatorja, il-Qorti tista' tikkundanna lir-

rikorrenti ihallas penali. Dan huwa stipulat fl-artikolu 836(8)(c):

*"Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:*

*…*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew.*

*(d) Jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja".*

Dan kollu gie kkonfermat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjonijiet taghha moghtija fid-19 ta' Novembru, 1948 fl-ismijiet **Avv Dunstan G. Bellanti LL.D vs Henry Zammit ne;** fis-26 ta' Frar, 1964 fl-ismijiet **Monsignor Giuseppe Maria Scerri vs Giorgina armla Scerri** u fit-18 ta' Settembru, 2002 fl-ismijiet **John Zarb vs Port Cottonera Ltd.**

B'mod car, ghalhekk, il-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili tal-Ligijiet ta' Malta jillimita l-awtorizzazzjoni tal-hrug ta' mandati kawtelatorji ghal sitwazzjonijiet fejn ikun verament il-htiega u jkun hemm certu biza' sabiex wiehed jista' jqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tieghu.

Ghaldaqstant ghal din ir-raguni, fic-cirkustanzi prezenti, dan il-mandat ghandu jigi revokat.

*In vista* tal-premess, l-esponenti jixtiequ wkoll li abbazi ta' l-artikolu 836(8)(c) u (d) l-atturi jigu kundannati jhallsu l-penali li jistghu jigu kundannati li jithallsu f'cirkustanzi simili.

**Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:**

i. tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 2253/04 *in kwantu* dirett kontra r-rikorrenti A.I.C. Joseph Falzon *a tenur* tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Procedura Civili (Kap. 12);

ii. kif ukoll sabiex *a tenur* ta' l-Artikolu 836(8)(c) u/jew (d) tal-Procedura Civili (Kap. 12) tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu penali lill-esponenti u dan *entro* terminu perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimati li *in forza* taghha huma opponew ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza bejn il-partijiet citazzjoni numru 680/04;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka u/jew tnaqqis tas-somma kawtelata bil-mandat ta' sekwestru numru 2253/04. Ir-rikorrent qed jibbaza t-talba ghar-revoka fuq il-bazi li l-mandat mhux *prima facie* gustifikat, fuq il-fatt li hu notarjament likwidu u fuq in-nuqqas ta' ragjonevolezza li l-mandat jinzamm fis-sehh. Ir-rikorrent qed jitlob ukoll l-imposizzjoni ta' penali kontra l-intimati *ai termini* tal-artikolu 836(8)(c)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent qed jibbaza l-ewwel kawzali fuq il-fatt li fil-*process verbal* registrat mill-Magistrat Inkwerenti intqal li hu, bhala perit, *"qeghda dmiru sew"*, u jallega li dan hu korroborat bix-xhieda li ta' l-perit Richard Aquilina quddiem din il-Qorti. L-intimati, min naha l-ohra, mhux qed jeskludu r-responsabilita' <u>civili</u> tal-perit, fil-kuntest tar-

responsabilitajiet tieghu legali bhala l-perit li f'idejh kienet mhollija d-direzzjoni tax-xoghol.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, din il-Qorti taqbel mal-kumment li ghamlet din il-Qorti, fi proceduri simili, fil-kawza "Malta Shipyards Limited vs General Workers Union", deciza fit-3 ta' Marzu, 2005, fis-sens illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma mhux biss illi dawn il-kwistjonijiet jehtiegu stharrig aktar fil-fond minn dak li jista' jsir wara smigh prima facie bhala ma seta' jinghata f'dawn il-proceduri, izda wkoll illi decizjoni fuq dawn il-kwistjonijiet, appuntu ghax tehtieg ezami aktar minn fuq bazi prima facie, tippregudika l-meritu tal-kawza bejn il-partijiet qabel ma' dik il-kawza tkun instemghet.*

*Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hux il-kaz illi jithassar il-mandat f'dan l-istadju u hekk l-intimata tinzamm milli thares il-pretensjonijiet taghha"*.

Ghar-rigward tal-likwidita' tar-rikorrent, din il-Qorti, fil-waqt li tapprezza li r-rikorrent huwa perit bi professjoni u ghandu klientela tajba, ma tafx xejn dwar il-likwidita' tieghu, u *cioe'*, jekk ghandux bizzejjed assi likwidi biex, f'kaz ta' decizjoni kontra tieghu, ihallas mill-ewwel id-danni li jigi ikkundannat ihallas. Il-fatt li persuna, per ezempju, ghandha diversi investimenti f'bini u proprjeta', ma jaghmilx lil dik il-persuna *"notorjament likwidu"*, peress li ir-realizazzjoni ta' dawk l-assi tkun tehtieg proceduri legali u tul ta' zmien. *Kwindi,* l-Qorti ma jidhirlix li ghandha izomm lill-intimati milli jkomplu jikawtelaw il-pretenzjonijiet taghhom.

Ghall-kull buon fini, l-Qorti tirrileva li r-rikorrenti mhux qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-paragrafu (e) tal-artikolu 836(1), ghal liema kaz, din il-Qorti kienet taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet taghha fid-decizjoni tat-2 ta' Frar, 2006, moghtija fl-atti ta' dan l-istess mandat fuq rikors ta' Paul Demicoli u Nick Demicoli Construction Co. Ltd (rikors nru. 1073/05).

Fic-cirkustanzi, lanqas jirrizulta li mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-imsemmi mandat. Kif intwera, ir-responsabbilita' civili tar-rikorrent ghad trid tigi determinata, u din ir-responsabbilita' ma tistax, f'dan l-istadju, tigi skartata fuq bazi ta' konkluzzjoni milhuqa fil-kamp kriminali. Hu maghruf li l-piz tal-prova ta' responsabbilita' fil-kamp civili mhux daqshekk oneruz daqs il-piz tal-prova ta' htija fil-kamp kriminali, tant hu hekk li l-ligi civili tipprovdi anke ghar-responsabbilita' indiretta ta' certi persuni.

Ghar-rigward tat-talba ghat-tnaqqis fl-ammont milqut bis-sekwestru, din il-Qorti kienet ikkunsidrat dan il-punt fil-proceduri li ittiehdu minn Asfaltar Ltd ghar-revoka u / jew tnaqqis fl-ammont kawtelat. F'dawk il-proceduri (rikors 985/04), din il-Qorti kienet ipprovdiet ghall-tnaqqis fis-somma kawtelata wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Fl-ahhar lok, is-socjeta' rikorrenti tilmenta li, f'kull kaz, is-somma kawtelata hi eccessiva. Kif intwera, l-intimati talbu l-hrug tal-mandat in kawtela ta' Lm150,000, kwantu ghal Lm91,000 circa damnum emergens (valur tal-appartament u l-mobbli) u kwantu ghal bilanc lucrum cessans, a bazi tal-fatt li d-de cujus kienet taghti lezzjonijiet fuq bazi ta' privat u kellha dhul ta' circa Lm5,000 fis-sena. Il-Qorti tqies li l-figura kawtelata tidher li hi ftit eccessiva. Il-fond in kwistjoni kien appartament fi blokk bini, u ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex indikazzjoni ta' x'tip ta' ghamara kien hemm fil-fond, la darba ma giex indikat lilha li l-ghamara kienet antika ta' certa kwalita' li tapprezza fil-valur maz-zmien, tqies li l-figura globali ta' madwar Lm91,000 hija ftit eccessiva. Dwar il-lucrum cessans, hu veru li d-de cujus jidher li kellha dak id-dhul (li ghad irid jigi pruvat), pero' meta tqies li hi kellha 61 sena meta mietet u l-grad ta' dipendenza tal-intimata kien wiehed baxx (mara mizzewga li tiddependi ghal ghixien taghha fuq hidmitha, jekk tahdem, u ta' zewgha, u mhux fuq hidmiet ommha) ma hux prospettat li dan ikun wiehed gholi (ara, bhala ezempju tal-mod kif jigi kkalkulat il-kumpens f'sitwazzjonijiet kongruwi l-kawza <u>"Agius vs Fenech"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru,*

*2003, u "Turner vs Agius", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003). Kwindi, l-Qorti thoss li, mehud kont tal-fattispecie tal-kaz, u minghajr ma qieghda bl-ebda mod tippregudika l-interessi tal-partijiet f'din il-kawza, somma ta' Lm110,000 kawtelata tkun prima facie aktar ragjonevoli"*.

Din il-Qorti, ghalhekk, sejra tipprovdi billi tichad it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka *in toto* tal-mandat ta' sekwestru *in kwistjoni*, izda sejra tipprovdi ghat-tnaqqis fl-ammont li ghandu jibqa' kawtelat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' *in parte* it-talba tar-rikorrenti, billi *a bazi* tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tqies li l-ammont kawtelat jidher li huwa *prima facie* eccessiv, u *kwindi* tordna li, fil-konfront tar-rikorrenti l-AIC Joseph Falzon il-mandat ta' Sekwestru numru 2253/04 mahrug minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru, 2004, ghandu jigi limitat u jkollu effett biss ghas-somma ta' Lm110,000, u b'hekk tirrevoka u thassar il-mandat *in kwistjoni*, *in kwantu* jista' jolqot somma *in eccess* ta' Lm110,000.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------